# JUM L-AKKADEMJA TAL-MALTI

## 14 ta' Novembru 2016

## PREMJU MIDALJA TAD-DEHEB "ĠIEĦ L-AKKADEMJA TAL-MALTI"

Eċċellenza Tiegħek President ta' Malta, President Emeritu Dr Ugo Mifsud Bonnici, għeżież membri tal-Akkademja, qraba u ħbieb;

Fl-14 ta' Novembru ta' kull sena – Jum l-Akkademja tal-Malti – se tibda tingħata l-midalja tad-deheb "Ġieħ l-Akkademja tal-Malti" lil min ikun iddistingwa ruħu l-aktar, bil-ħidma tiegħu, għall-iżvilupp tal-Ilsien Malti u l-letteratura Maltija. Ħidma li tkun għaddiet mill-għarbiel taż-żmien, tat il-frott u li minnha pajjiżna jkun stagħna bis-saħħa tar-rieda u l-impenn sħiħ li dan il-Malti *Malti* jkun wettaq b'sagrifiċċju u b'żelu għal arti twelidu.

Illum, l-Akkademja tal-Malti se tonora b'midalja tad-deheb lil dik il-persuna li tul ħajjitha ħadmet bis-sħiħ u tat kontribut eċċezzjonali biex jiżdied l-interess kemm akkademiku kif ukoll letterarju f'ilsienna. Kontribut li jkun saħħaħ l-identità tagħna bħala poplu, nissel fina mħabba lejn art twelidna u fittex fl-għeruq tagħna dak li jagħmilna Maltin u fl-istess ħin ċittadini tad-dinja.

Kien fl-1946 li Ġino Muscat Azzopardi waqqaf il-Premju Ġużè Muscat Azzopardi b'tifkira ta' missieru li kien l-ewwel President tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, illum magħrufa bħala l-Akkademja tal-Malti. Għaldaqstant, għalkemm il-Premju ma waqqfitux l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, kien frott il-ħidma tagħha, kemm minħabba li Ġino Muscat Azzopardi kien membru fl-Għaqda, u kemm minħabba li dan kien twaqqaf biex ifakkar lill-ewwel President tal-Għaqda u li ngħata għall-ewwel darba lit-tieni President tagħha, Dun Karm – il-Poeta Nazzjonali tagħna.

Fi kliem Ġużè Galea, fl-editorjal "Il-Premju Ġużè Muscat Azzopardi u l-Ħajja Kulturali tal-Pajjiż" il-ħsieb tal-Premju kien biex jaqdi ta' inkoraġġiment għal dawk li riedu jwettqu ħidmiet għall-ġid tan-nazzjon; titkattar u tiżdied il-ħrara għall-Ilsien Malti u għal kull sentiment nazzjonali.[1] Huwa qabblu mal-Premju Nobel, għax "bħalma l-Premju Nobel huwa kawża ta' inkuraġġiment kbir għall-arti u għax-xjenza tad-dinja kollha u huwa l-ogħla ambizzjoni tal-aqwa għorrief internazzjonali, hekk dan il-premju għad ikun il-mezz li jqanqal interess u ħidma ħarkiena dwar l-ilsien Malti u minn dan il-premju nistennew ukoll żvilupp ġdid fil-ħajja kulturali u nazzjonali tal-pajjiż."

It-tama kienet li dan il-Premju jkun mezz li jħeġġeġ lill-Maltin għall-ilsien Malti biex jaslu jwettqu n-nazzjonalità tagħhom. Aħna llum nemmnu li l-ħsieb ta' missirijietna twettaq bis-

---

[1] Il-Malti, Marzu, 1946, 3-5. Ara wkoll Il-Malti, Settembru, 1946, 100-101.

sħiħ imma jidhrilna li għad fadal ħafna xi jsir biex il-Ħolma li ħolom Vassalli tixxettel fil-qlub tal-Maltin kollha u twarrad tabilħaqq fl-imħuħ ta' wliedna.

Għalhekk nemmnu li bis-saħħa tal-midalja "Ġieħ l-Akkademja tal-Malti" mhux biss se nkunu qegħdin nagħtu sinjal ta' apprezzament lil min ħadem bla heda biex jagħti ġieħ lil art twelidna imma nkunu qegħdin ukoll inkebbsu mill-ġdid l-imħabba u l-ispirazzjoni f'min jixtieq jgħożż u jġorr f'qalbu l-istess għanijiet u jistinka u jħabrek biex iwettaqhom f'ħajtu wkoll.

Grazzi ħafna u issa ngħaddu għal ftit ġrajjiet mill-istorja tal-Akkademja tal-Malti…